# L-ENIGMA TAL-PREŻENZA F'MALTA TA' STRUMENT MUŻIKALI BL-ISEM TA' "LIRA"

ETTORE CASTAGNA

**Osservazzjonijiet fuq riċerka li saret minn Ruben Zahra**
**Miġjuba għall-Malti mit-Taljan minn Ġużi Gatt**

**Kontra dak li jiġri s-soltu, it-tagħrif fuq il-preżenza tal-istrument bl-isem ta' "lira" f'Malta ġie jfittixnu hu; ġie jħabbatli l-bieb tad-dar. Kien bis-saħħa u l-ħila ta' Ruben Zahra, kompożitur u riċerkatur Malti, li sibt ruħi mdaħħal f'avventura ta' riċerka storika u etnografika li, ngħid għalija, sibtha mimlija faxxinu u enigmi. Ruben, li kien ilu żmien ifittex u jirriċerka fuq dan is-suġġett, kien wasal għall-konklużjoni li f'Malta xi darba kien jeżisti strument bil-kordi u li jindaqq bil-qaws, jew bl-ark li, minkejja l-pożizzjoni ġeografika ta' Malta, kien ġej minn familja differenti minn dik li pproduċiet l-istrument famuż ta' nisel Għarbi msejjaħ "Rabbab". Tant hu hekk li d-dokumenti li Ruben sab f'Malta kienu jippuntaw lejn l-istrument imsejjaħ "lira".**

L-istrument b'dan l-isem kien imsejjaħ f'dawn id-dokumenti. Imma iktar milli l-isem fih innifsu, li kien importanti l-aktar kien ix-xebħ fit-tipoloġija li jidher li kien hemm mal-istrumenti kklassifikati mill-mużikoloġi bħala "lira". Din il-konvinzjoni ta' Ruben wasslitu biex ifittex li jiltaqa' ma' min diġa' kien għamel riċerka simili, f'pajjiż mhux 'il bogħod, f'post fejn wieħed seta' jerġa' jara b'għajnejh il-lira – fil-Kalabria. Hawnhekk inbdiet mixja ta' esperjenzi u riflessjonijiet, fi triq li nittamaw li twassal biex iseħħ il-qawmien mill-ġdid tal-istrument, u tiġi ċċarata l-istorja tal-*lira* f'Malta. Din l-avventura żgħira fl-etnografija storika bdiet b'dan il-mod: F'Jannar tal-2013, wara korrispondenza twila, skambju ta' materjal viżiv u awdjo, u diskussjonijiet imqanqla wiċċ'imb wiċċ ma' Ruben, jien ħassejt, mingħajr qatt ma kont għadni rfist l-art f'Malta, li stajt nasal għal xi ipoteżijiet fuq l-istorja tal-lira f'Malta kif se nfisser f'din il-kitba li ġejja.

## NOTA QASIRA FUQ IL-LIRA FIL-PAJJIŻI TAL-MEDITERRAN

Kien diġà magħruf li fil-perjodu Klassiku, l-istrumenti tal-korda li jindaqqu bl-ark ma kinux magħrufa fil-pajjiżi tal-Mediterran u fl-Ewropa tal-Punent. Kien magħruf ukoll li strumenti mill-familja tal-lira, li hi strument tal-korda li jindaqq bil-qaws, daħlu fl-Ewropa fil-Medju Evu. Illum ħafna minn dawn l-istrumenti ntilfu għal kollox, filwaqt li oħrajn ħallew warajhom xi traċċi, tant li llum saru suġġett ta' studju u riċerka fil-mużikoloġija storika. Il-lira nfisha ma taqax taħt dawn iż-żewġ kategoriji, għax hi strument li wasal sa għandna sal-lum, ħafna drabi fil-kultura orali tan-naħa t'isfel u ta' dik ċentrali tal-Mediterran tal-Lvant. L-istorja ta' dan l-istrument turi li l-istruttura ġenerali tiegħu baqgħet bejn wieħed u ieħor ma mbiddlitx matul is-sekli. Mill-ewwel rappreżentazzjonijiet tiegħu sal-lum tidher ċerta kontinwità, mhux biss fl-għamla ġenerali tiegħu, imma wkoll fil-partijiet li jiffurmawh. L-istrument ikollu:

* Tliet kordi;
* Ikun mingħajr Tastiera u mingħajr Għadma (din bl-Ingliż tissejjaħ *nut*, u bit-Taljan *capotasto*);
* Ikollu l-Krikkijiet (bl-Ingliż *tuning pegs*) imdaħħlin minn wara, kartabun mal-Pala (*headstock*);
* Ikollu Skarnell (bl-Ingliż *bridge*) u Pilastru (ħafna drabi msejjaħ *anima* – injama wieqfa, mdaħħla fuq in-naħa ta' ġewwa tal-istrument, magħfusa bejn id-dahar u l-wiċċ, taħt waħda mis-saqajn tal-iskarnell;
* L-irfis isir billi timbotta l-korda bil-wiċċ tad-difer, bl-istrument jinżamm wieqaf, iserraħ fuq l-irkoppa, jew magħfus bejn l-irkubbtejn
* L-istrument ikun magħmul minn injama waħda, mħaffra u minquxa, b'wiċċ tal-injam inkullat magħha;
* Magħmul, fil-biċċa l-kbira tal-każi, għamla ta' lanġasa (*pear-shaped*);
* U fil-biċċa l-kbira tal-każi ikkurdat fuq is-sistema 4-1-5.

Il-lira tinstab f'pajjiżi xi ftit mbegħdin minn xulxin – mid-Dalmazja t'Isfel għal Lokride fil-Kalabria, u mit-Traċja fil-Greċja ta' Fuq sal-mużika klassika li nfluwenzat ir-ritwali tas-*Sufi* fit-Turkija.

Nistgħu nibdew billi ngħidu li l-lira, bil-karatteristiċi li semmejna aktar 'il fuq, għadha teżisti fil-kultura popolari tal-Kalabria (*lira*), tal-Kroazja (*lirica*), tar-Rumania (*tibulka*), tal-Maċedonja (*lira*), tat-Traċja (*lira*), tan-naħa ta' fuq tal-Greċja (*lira*), ta' Kreta l-antika (*lira*) u tal-gżira ta' Karpatos ta' dari (*lira*). Il-lira tista' tgħid li mietet għal kollox fil-gżira ta' Samotraki (*lira*) u qiegħda f'qagħda dubjuża fil-gżejjer Griegi ta' Kasos, Kalki, Rodi, Santorini, Lemno, eċċ. Wieħed irid jgħid ukoll li l-lira għadha preżenti fil-mużika klassika Torka (*kemence rumi* – isem li jfisser "vjolin tal-Bizantini"), u għadha tintuża minn xi

nies tal-Anatolja speċjalment dawk imsejħa Joruk (*yoruk kemence*). Fil-Bulgarija, l-istrument tbiddel ħafna minn kif kien, u hekk ġara wkoll fi Kreta u fil-gżira ta' Karpatos, speċjalment fis-seklu Għoxrin. Il-Bulgari żiedu n-numru tal-kordi, imma ħallew l-istruttura tal-istrument fl-għamla l-qadima, kif fissirniha aktar 'il fuq. Imma n-nies ta' Kreta, u warahom dawk tal-gżira ta' Karpatos, ġibdu l-lira eqreb lejn dak l-istrument li aħna nafuh bħala "vjolin", billi żidulu Għadma (*nut* jew *capotasto*), żidulu Tastiera, u għamlulu kordi tal-vjolin biex il-lira tindaqq aħjar u tkun tista' tikkompeti, b'xi mod, ma' dan l-istess vjolin. L-isem "lira" mhux dejjem hu applikat għall-istess strument kullimkien. Anzi, sa minn żminijiet klassiċi, dan l-isem ingħata u ntuża f'ċirkustanzi u applikazzjonijiet differenti. Biżżejjed wieħed isemmi li r-Rumani bil-*lira* kienu jifhmu dak l-istrumenti bil-kordi imma li jindaqq bis-swaba', qisu arpa żgħira. L-istampa, xi ftit allegorika u sardonika, ta' Neruni jdoqq il-*lira* waqt li Ruma qed taqbad, jafha kulħadd. Għall-finijiet ta' dan l-artiklu se naċċettaw it-tifsira tal-kelma *lira* kif mifhuma f'postijiet u pajjiżi partikolari – għax l-istrument li se nitkellmu fuqu, b'dak l-isem hu magħruf f'dawk il-pajjiżi u l-lokalitajiet li fihom għadu jeżisti. Meta tqis ix-xebħ kbir li hemm, fil-għamlu u fl-istruttura, bejn l-istrumenti kollha li huma magħrufa bħala *lira*, f'pajjiżi differenti, għandu joħroġ ċar li hemm rabta bejniethom ilkoll. Jekk l-isem *lira* napplikawh għal strumenti b'karatteristiċi differenti nistgħu nitfixkluh ma' strumenti oħra li wkoll jindaqqu bil-qaws. L-aqwa eżempju hu tal-*lira* li dari kienet f'idejn il-Griegi ta' Pontus – illum parti mit-Turkjia (u l-*kemece* Tork, li hu mnissel minnha) – u l-*lira* l-oħra tal-Kappadoċja. Dawn l-istrumenti jixbħu ferm iktar lill-vjolin, għandhom struttura differenti u ferm inqas arkajka minn ta' l-istrumenti li qed nitkellmu fuqhom f'din il-kitba.

Imma hemm iktar minn hekk. Jien inħoss li l-lira li qed nitkellmu fuqha għandha tissejjaħ "lira Bizantina" minħabba dawk li għalija jidhru bħala raġunijiet storiċi evidenti. Jekk nieħdu mappa tal-Imperu Bizantin tas-Seklu IX w.K u nimponu fuqha mappa ta' fejn, fil-Mediterran, għadhom jeżistu strumenti tat-tip li qed nitkellmu fuqhom, insibu li l-lira, bil-karatteristiċi li ddiskutejna aktar 'il fuq, teżisti biss fil-konfini tal-Imperu Bizantin tal-Lvant. M'hemm l-ebda strument bħalu fid-dinja Għarbija (L-Asia Minuri – tħalli barra l-Anatolja – u l-Afrika ta' Fuq kollha). M'hemm l-ebda strument bħalu fl-Ewropa tal-Punent (tneħħi l-Kalabria, li flimkien mal-Puglia kienet *thema* Bizantina u fis-sustanza "mhix parti mill-Ewropa tal-Punent".

Dan il-fatt, li hu ta' natura etnografika, donnu jinħass li jikkuntrasta xi ftit ma' fatt ieħor li joħroġ mill-ikinografija: ftit li xejn għandna "stampi" – tpenġijiet, inċiżjonijiet, eċċ. - li jagħtu prova tal-preżenza ta' dan l-istrument f'dik ir-roqgħa tad-dinja li kienet "Biżantina". Mhux hekk biss, imma mis-Seklu XI 'il quddiem, ir-rappreżentazzjonijiet ikonografiċi li jixhdu l-preżenza ta' dan l-istrument fl-Ewropa tal-Punent jiżdiedu sew. Tgħid jista' jkun li l-Lira kienet preżenti fid-dinja tal-Punent qabel ma kienet preżenti fid-dinja Griega tal-Lvant? Jew forsi l-Ewropa kellha xi rwol fit-tixrid ta' dan l-istrument? Fatt li diġa kien magħruf hu li fost l-aqwa intermedjaturi biex il-kultura Asjatika, (kultura li fiha l-preżenza ta' strumenti tal-korda li jindaqqu bl-ark tmur lura sekli sħaħ), tiltaqa' mal-kultura Ewropea, kienu is-Slavi min-naħa tat-Tramuntana, u l-Għarab min-naħa tan-Nofsinhar. Il-preżenza tal-Lira fid-dinja Bizantina x'aktarx turi influwenza mid-dinja Slava. Wieħed jista' jara s-sejbiet arkeoloġiċi f'Novgorod, sejbiet li juruna strumenti mill-familja tal-lira li jmorru lura sas-Seklu XIV, minn din il-prespettiva. L-istess jgħodd għal sejbiet oħra fil-Polonja u qrib ix-xmara Danubju. Fil-waqt li dak l-istrument magħruf bħala r-"Rabab", bil-varjanti kollha tiegħu (ħafna drabi b'korda waħda, x'aktarx magħmula mix-xagħar ta' denb iż-żiemel, b'qasgħa (bl-Ingliż *soundbox*) xi kultant magħmula minn xi ħaġa veġetali bħal xi qargħa, imma spiss magħmula mill-injam miksija bil-ġild), u b'dak l-ark tipiku u li jingħaraf malajr, ta' nisel Għarbi, ssibu mifrux mill-Balkani sal-Afrika s-Sewda ta' taħt is-Saħara (ħudu bħala eżempju dak l-istrument imsejjaħ *gusla* li ssibu fil-Balkani, u l-*masinko* li ssibu fl-Etjopja, biex insemmu tnejn fost ħafna varjanti), il-lira, mill-banda l-oħra ssibha mifruxa **biss** f'dawk l-artijiet li darba kienu jagħmlu parti mid-dinja Bizantina. Insibiha fil-parti l-kbira ta' dan it-territorju mill-Lvant għall-Punent. Wieħed jista' bir-raġun kollu jippreżenta l-ipoteżi li l-interazzjoni kulturali, ekonomika, reliġjuża, u politika bejn l-Imperu Biżantin u n-nies ta' nisel Slav irriżultat f'dik li tista' tissejjaħ bħala l-interpretazzjoni Slava ta' kif għandu jkun strument bil-korda li jindaqq bl-ark. Permezz tal-Għarab u tas-Slavi, l-Ewropa Medjevali saret taf bi strumenti tal-korda li jindaqqu bl-ark, u saret taf bihom b'mod li llum forsi jisejjaħ "etniku", jiġifieri permezz tal-kultura tan-nies komuni. L-Ewropa assimilat dawn l-istrumenti imma biddlithom f'għamliet differenti. Illum dawn l-istrumenti tista' tgħid li rebħu d-dinja għax jinkludu mhux biss ir-Rebekk (u l-isem Rebekk, Rebab, Rabbab, Rabbaba, jixhdu l-influwenza Għarbija) imma anke l-vjolin "paganinjan". Imma bilfors li din kienet mixja li damet qrib l-elf sena.

Fehma xjentifika-etnografika pjuttost riċenti tikkunsidra l-Lira bħala strument "Grieg", jew li ġej minn nies ta' kultura Griega. Jien inħoss li l-argument jista' jitwessa' iktar. Mingħajr ma wieħed inaqqas l-importanza tal-element "Grieg" (li kien il-mutur ewlieni tad-dinja Bizantina) wieħed ma jistax ma jgħidx li kif jiġri fl-imperi kollha, l-Imperu Bizantin kien ukoll imsawwar minn dik li llum tissejjaħ "diversità kulturali". Din timplika taħlit bejn diversi kulturi, u ma toħodhiex bi kbira li strument li jista' jitqies li hu Grieg, jista' jkun ukoll Kroat, Bulgaru, Rumen, Tork, u Kalabriż, jew Taljan. Il-Kalabria hi eżempju tajjeb ta' dan li qegħdin ngħidu, għax hi art ta' taħlit u skontri bejn d-dinja Griega u dik Latina. Il-Lira kienet intilfet mill-memorja kollettiva ta' dawk il-komunitajiet tal-Kalabria li kienu ta' nisel Grieg (illum il-lira reġgħet saret magħrufa, imma biss għax iddaħħlet mill-ġdid bħala ri-introduzzjoni ta' "tradizzjoni qadima"). Fl-istess ħin, imma, il-Lira kienet baqgħet

magħrufa f'postijiet fil-Kalabria bħal f'Lokride, post fejn l-element Grieg kien ilu li għeb sekli sħaħ. Il-lira kienet għadha tgħix mal-lirika Latina, u kien hemm traċċi tagħha sa mill-Medju Evu. Qegħdin ngħixu f'Mediterran fejn l-istorja li tinkiteb aktar ħsiebha f'dak li jifridna minn xulxin; imma l-lira Biżantina hi ħjiel tal-għeruq fondi li jħaddnuna flimkien.

## IL-LIRA F'MALTA

Kellu jkun l-istudjuż u filologu Malti Gian Piet Agius De Soldanis (1712-1770) biex jagħtina l-eqdem referenza u prova tal-preżenza tal-Lira f'Malta. It-tagħrif li tagħna De Soldanis hu ta' ċertu importanza. Fid-dizzjunarju tiegħu li jmur lura għas-seklu sbatax[1], de Soldanis jgħid hekk fuq il-Lira:

*Lira v.m. Lira, cithara, strumento musicale l. Lyra ae. Istrumento da' Greci introdotto in Malta al principio di questo secolo 1700. oggi molto frequentato da giovani maltesi e gozitani nella Campagna.*

Hawnhekk għandna xi ftit tal-konfużjoni, li wieħed jista' forsi jifhimha meta jiftakar il-formazzjoni kulturali tal-awtur. De Soldanis isejjaħ lill-lira "cithera", li hu l-isem ta' dak l-istrument Grieg u Ruman illum magħruf bħala "Ċetra". Imma kull dubju li wieħed jista' jkollu fuq liema strument kellu f'rasu De Soldanis jgħib fix-xejn meta wieħed jaqra l-kumplament tat-test. Il-kitba tgħid li l-lira daħħluha f'Malta l-Griegi fi żmien li kien qrib ħafna tal-awtur – il-bidu tas-seklu 1700, meta de Soldanis kien qed jikteb lejn nofs dak l-istess seklu. M'hemm l-ebda dettal tekniku, imma hemm ħjilijiet kulturali importanti. Il-lira hi strument Grieg, u daħlet f'Malta fil-bidu tas-seklu 1700. Kienet familjari, għax kienet tagħmel parti mill-kultura mużikali ta' pajjiż viċin, imma fl-istess ħin kienet barranija. De Soldanis qed jgħid li l-lira kienet Griega, u allura mhux Maltija, allavolja mbagħad jgħid li kienet magħrufa u mifruxa ħafna anke man-nies tal-irħula Maltin u Għawdxin. Hu interessanti l-fatt li De Soldanis jagħti ż-żmien pjuttost preċiż ta' meta l-lira daħlet f'Malta. Fl-istess ħin ma ta ebda tagħrif ieħor storiku jew ta' natura popolari. Jekk iż-żmien li fih daħlet il-lira f'Malta ma kienx imur lura sal-qedem, allura dan ifisser li qed nitkellmu fuq il-lira "Griega" li għandna xhieda oħra tal-preżenza tagħha f'Malta li tmur lura appuntu għas-seklu XVIII. Dan hu fatt relevanti, speċjalment meta wieħed jiftakar li biex issib xi ħaġa miktuba fuq il-lira fil-Kalabria, li mhix daqstant 'il bogħod, trid tistenna sal-ewwel snin tas-seklu għoxrin. L-istrument f'Malta kien allura magħruf sew, u mifrux ħafna, biex ħalla t-traċċi tiegħu anke fl-ikonografija. U jekk ninnutaw sew, il-kitba ta' De Soldanis mhijiex l-unika waħda li ssemmi strument antik Malti b'rabta mad-dinja Griega. Meta kiteb fuq iż-Żaqq, Roberto Leydi osserva li:

*Per quanto si conosce la zampogna attualmente ancora in uso a Malta é molto simile alla tsabuna dell-Egeo tanta da giustificare anche l'ipotesi di una importazzione attraverso la consistente colonia greca.*[2]

Anke Anthony Baines kien ikklassifika ż-żaqq Maltija bħala "Griega" u kiteb li:

*An interesting offshoot of this Aegean group of bagpipes exists, or existed in Malta.*[3]

Għalkemm Baines iddikjara ż-żaqq Maltija bħala *offshoot*, jew "fergħa" tal-familja taċ-ċirimelli li jeżistu fil-gżejjer Griegi, ta' min wieħed jgħid li x-xebħ taż-żaqq Maltija ma' dawn iċ-ċirimelli hu kważi totali. Ix-xebħ tinduna bih mal-ewwel daqqa t'għajn. Li kellu l-qarrej jikkonsulta l-immaġini taz-Tsabuona li hemm fil-ktieb maħruf *Ellenika Laika Musika Organa*[4] ma jistax ma jindunax bix-xebħ li hemm. Jiġifieri m'hemmx għalfejn inkunu aħna biex wieħed jikkonvinċi ruħu mill-kuntatti bejn Malta, il-Greċja, u l-baħar Eġew, kuntatti li bilfors li ma kinux żgħar. M'hemmx dubju li aktar riċerka storika tista' tagħti prova ta' dawn il-kuntatti li kienu x'aktarx spissi. Anke jekk biss wieħed iqis il-pożizzjoni ġeografika ta' Malta, u dik ta' Kreta u tal-gżejjer Griegi tal-Eġew, li bħal Malta, għal sekli sħaħ servew ta' sur kontra l-qawwa, l-ewwel tal-Għarab, imbagħad tat-Torok, ma jkunx hemm bżonn ta' ħafna provi oħra. Il-fatt li, dejjem skont De Soldanis, il-lira daħħluha Malta l-Griegi fil-bidu tas-Seklu Tmintax, forsi jista' jiġi spjegat minn mewġa ta' imigrazzjoni, jew forsi anke iktar minn waħda, ta' refuġjati li ħarbu mill-kontrol dejjem jiżdied tat-Torok fuq il-gżejjer Griegi, u fuq Kreta sa mit-tieni nofs tas-Seklu Sbatax. Il-Venezjani tilfu l-belt ta' Kandja fl-1669, u fuq medda ta' tletin sena, it-Torok ħakmu l-gżira ta' Kreta kollha kemm hi, u wettqu vjolenza u ħruxijiet kontra l-popolazzjoni ċivili. M'hemmx dubju li De Soldanis waqa' fis-soltu nasba li studjuż tas-Seklu Tmintax diffiċli biex isib kif joħroġ minnha. In-nies li tkellem magħhom x'aktarx semmewlu strument li kien magħruf li daħal Malta minn barra. Mela allura, dejjem skont De Soldanis, bilfors li ma kienx ilu ħafna li daħal. Imma l-bniedem jibqa' jiftakar anke dak li jkun qal in-nannu, jiġifieri tliet ġenerazzjonijiet qabel. Issa tliet ġenerazzjonijiet, jekk tagħti ħamsin sena għal kull ġenerazzjoni ta' dak iż-żmien, jistgħu iwassluk sa nofs is-Seklu Sbatax, u mhux sal-bidu tas-seklu Tmintax.

Imma allura meta verament waslet il-lira f'Malta? Fi żmien ħafna 'l bogħod, forsi anke fil-Medju Evu tardiv? Jew forsi għandu raġun De Soldanis u l-Lira daħlet Malta fi żmien aktar reċenti mar-refuġjati

---

[1] G.P.F. Agius De Soldanis, *Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin*, c. 1759, (Librerija Nazzjonali, Il-Belt Valletta –Ms. 143(i), f.329v)

[2] Leydi R., *La Zampogna in Europa*, XIII Autunno Musical, Cesare Nani Editore, Como, 1979, paġ. 176

[3] Baines A., *Bagpipes*, editjat minn T.K. Penniman, PittRivers Museum, l-Universita ta' Oxford, B.M. Blackwood, 1979, paġ 46.

[4] Anoyanakis F., *Ellenika laika musica organa*, Il-Bank Nazzjonali Grieg, Ateni, 1979

Griegi li kienu qed jaħarbu lejn il-Punent? Il-mistoqsija għalissa jkollha tibqa' mhix imwieġba, u d-data li tissemma fil-kitba ta' De Soldanis jkollha tibqa' bilfors iktar ipotesi milli ċertezza. Imma għandu dritt wieħed isaqsi: kif jista' jkun li Malta akkwistat strument bil-kordi daqstant primittiv, fi żmien meta sa mis-seklu XV fl-Ewropa diġà kien hemm sinjali ċari li l-istrumenti bil-korda li jindaqqu bl-ark kienu qed jiżviluppaw u jersqu dejjem aktar viċin il-vjolin li nafu llum? Hi mistoqsija li tgħodd ukoll għall-Kalabria, u wieħed jista' biss iweġibha meta t-tagħrif li għandna tal-lira fid-dinja Biżantina ma jibqax daqshekk ftit u frammentat, u jsir iżjed konkret. Iż-żmien li għandna bżonn iżjed tagħrif fuqu hu dak tal-Medju Evu tardiv, li mbagħad iwassalna għaż-żmien meta l-istrumenti li jindaqqu bl-ark fl-aħħar waslu wkoll fl-Ewropa.

Fl-1791 Francois E. De Guignard, il-Konti Saint Priest, kiteb li l-Maltin, fl-għana jew il-kant tagħhom, kellhom id-drawwa li jakkumpanjaw lilhom infushom fuq "speċi ta' vjolin".[5] Hu kumment xi ftit vag, imma diġà jixhed li l-istrument użat hu bil-kordi u li jindaqq bl-ark, imma fl-istess ħin "mhuwiex vjolin". Daqshekk ieħor hi vaga kitba oħra ta' Agius De Soldanis meta kiteb fuq it-tieġ tradizzjonali Malti u l-mużika li kienet takkumpanjah:

*"...i suonatori saranno pur beduini, qualcuno con uno scordato violino o con qualche lira o chitarra..."*[6]

Hawnhekk għandna l-fehma ta' xi ħadd "kolt" li immankabilment jikkonsidra bħala "skurdat" kull ripertorju mużikali li ma jirrispettax ir-regoli tal-mużika Ewropea.



**Folksing and merrymaking on Imnarja Day, mill-ktieb ta' John Montalto, *The Nobles of Malta*, Paġna 182**

Ngħaddu issa biex niddiskutu kif kienet l-għamla u x'kienu l-karatteristiċi tal-Lira Maltija. It-traċċi m'humiex ħafna u huma kollha ikonografiċi – pittura u inċiżjonijiet - għax, s'issa, l-ebda kampjun ta' dan l-istrument għadu ma nstab. L-ikonografija storika, kif diġà hu magħruf, spiss tkun vaga u mhux dejjem tista' toqgħod fuq dak li jkun penġa l-artist. Imma tajjeb jew ħażin, xi indikazzjonijiet għandna u forsi minnhom nistgħu naslu għal xi għamla ta' konklużjoni.

L-istrument hu dejjem impenġi li qed jindaqq wieqaf, u bil-qaws. Fi tliet każi minn erbgħa, id-daqqaq hu impenġi wieqaf jew miexi, eżatt kif jindaqq l-istrument sal-ġurnata tal-lum f'kull parti tal-Greċja waqt xi festa. Id-daqqaq jidher wieqaf, u qed iżomm l-istrument fil-keffa t'idu x-xellugija. Mill-banda l-oħra, inċiżjoni magħmula minn Luigi Brocktorff, li dehret fil-ktieb ta' George Percy Badger, ippubblikat fl-1838, turi daqqaq, din id-darba bil-qiegħda fuq dik li tidher qisha ġebla jew blata kbira, idoqq strument bil-qaws. Mid-disinn ma tistax tikkonoxxi kemm-il korda għandu l-istrument, imma jidher qisu b'korda waħda. Il-ktieb jismu *Description of Malta and Gozo*[7]. Fil-ktieb tiegħu, Badger jgħid li *"several different shapes lyres with two or four strings"* kienu jindaqqu min-nies tal-irħula u l-kampanja. M'għandniex xi ngħidu, għal min jifhem fil-mużika, bejn tnejn u erba' kordi hemm differenza kbira, u kumment bħal dan ma jgħinx biex itaffi d-dubji fuq kemm hu ta' min jorbot fuqu dak li qal Badger. Forsi wieħed jista' jgħid li fil-gżejjer Egej jeżistu liri li għandhom erba' kordi, imma għalissa dan ftit għandu x'jaqsam ma dak li qegħdin ngħidu.

Inċiżjoni oħta tas-seklu XIX hi dik ta' George Muir[8], u din forsi fiha ftit aktar tagħrif. Raġel li jidher li hu bniedem tal-irħula, bil-ħorġa fuq spalltu, jidher wieqaf qed idoqq strument bl-ark. Hu importanti li jingħad li l-inċiżjoni ġġib l-isem: *"Mandoline Player"*, u fil-fatt l-istrument jidher qisu xi għamla ta' mandolina b'sitt kordi li (u din hi ħaġa stramba ħafna) qed jindaqq bl-ark. Jidher ċar li l-artist ma kienx ċert l-istrument x'kien, u forsi għamlu jixbaħ lill-mandolina biex jagħtih aktar

---

[5] Francois E. De Guignard, *Malta par un voyageur francais*, Malta, 1791, p. 64.

[6] *Degli abiti, costume, sponsali, matrimoni e funerali degli antichi maltese*, National Library, Valletta-Ms 142(v), ikkwotat minn G. Cassar Pullicino fi *Studi di Tradizioni Popolari Maltesi*, Malta, 1989.

[7] G.P. Badger, *Description of Malta and Gozo*, Meliensia Editions, Valletta Publishing, Malta, 1989, paġ. 82-84.

[8] Il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, Malta, Inv. No. 14743.

preġju u dinjità, ħalli ma jibqax qisu xi strument bla grazzja magħmul minn xi ħadd mhux tas-sengħa. Imma l-affarijiet donnhom jibdew jiċċaraw ruħhom b'żewġ disinji oħra, it-tnejn tas-Seklu XIX:

L-ewwel disinn iġib l-isem "*Folksinging and merrymaking on Imnarja Day*". Hemm żewġ ġmiegħi ta' rġiel jiżfnu u jkantaw. Fl-isfond, fuq in-naħa tal-lemin hemm daqqaq taż-żaqq akkumpanjat minn ieħor fuq it-tanbur. Fin-nofs, mhux 'il bogħod ħafna anzi, kważi fuq quddiem nett, hemm daqqaq tal-Lira u quddiemu għandu tliet irġiel jiżfnu. Is-*sounbox* għandha għamla li tixbaħ il-mod ta' kif wieħed ipenġi qatra ilma, jew forsi xi demgħa, u ż-żewġ toqbiet nofs tond li wieħed jista' jara f'nofs is-*soundbox* żgur li jfakkruk fi strument li jixbaħ ferm lill-lira. L-ark, jew il-qaws li qed idoqq bih ma jidhirx sewwa għax nofsu moħbi wara wieħed miż-żeffiena. Il-manku (*neck*) u l-pala (*headstock*) jidhru li huma dojoq ħafna, jixbħu lil tal-istrument Persjan imsejjaħ SAZ, u l-krikkijiet (*tuning pegs*) huma mdaħħlin mill-ġenb. In-numru ta' kordi li għandu l-istrument ma tistax tikkonoxxih sewwa, imma jien sebgħin fil-mija ċert li l-istrument impenġi hu lira.



**Mandolin Player – skizz ta' George Muir, is-seklu XIX**

L-istampa tiċċara ħafna aktar meta naslu għall-iskizz mpenġi fis-seklu XIX minn artist li għalissa għadu anonimu.[9] L-iskizz juri dak li jidher li hu bniedem raħli, anke dan bil-ħorġa fuq spalltu, li qed idoqq dak li issa jintagħraf ċar li hu lira. Il-għamla tal-istrument tixbaħ ferm lill-istrumenti li jindaqqu in-naħa tal-Greċja, bil-krikkijiet jidhru ċar daqs il-kristal li qegħdin imdaħħlin minn wara, kartabun mal-manku. Krikkijiet jidhru tnejn, imma mis-simetrija tad-disinn tista' tinduna li t-tielet wieħed qiegħed moħbi wara l-pala (*headstock*), u fil-pożizzjoni eżatta li suppost ikun. Barra minn hekk, jidher ċar li l-kordi huma tlieta, u li dawn qegħdin tul l-istrument kollu, sa taħt l-id ix-xellugija. Hawnhekk ta' min jinnota l-id il-leminija, li qed taqbad l-ark bil-mod ta' kif jinżamm u jindaqq fil-Kalbria – bil-wiċċ tal-keffa tal-id iħares lejn l-istrument, mhux iħares 'il fuq kif iżommuh il-Griegi. X'aktarx li r-raġuni għala dan id-disinn hu xi ftit aktar preċiż mill-oħrajn li semmejna hi għax hu skizz li sar ta' malajr. Meta l-artist jagħmel skizz irid jaħdem bil-ħeffa biex ikun jista' jħażżeż malajr dak li qed jara b'għajnejh. It-tliet stampi l-oħra huma inċiżjonijiet jew pitturi lesti, jiġifieri saru wara li kien għadda ftit taż-żmien minn meta l-artist ra lid-daqqaq, u l-prodott finali ma sarx fuq il-post. Hu u jorqom u jirfina x-xogħol tiegħu, l-artist ħafna drabi jkollu t-tentazzjoni li jżejjen id-disinn, u jivvinta d-dettalji li dak il-ħin jidhirlu li huma aktar addattati biex l-istampa tidher isbaħ.

Biex iktar ninfurzaw dak li qegħdin ngħidu, nistgħu issa nsemmu disinn ieħor li donnu jurik li fil-fatt hu "korrezzjoni" ta' disinn li kien sar qabel. Dan id-disinn żgur jgħin biex jikkonferma l-fatt li l-istrument li kien jindaqq f'Malta kien tip ta' lira. Id-disinn jidher fit-tieni edizzjoni tal-ktieb ta' George Percy Badger, li ħarġet fl-1851, u li diġa semmejnieh aktar 'il fuq. L-istrument li fl-ewwel edizzjoni deher xi ftit "vag" issa hu impenġi b'mod li jista' jintagħraf aħjar. L-inċiżjoni turi xwejjaħ, bilqiegħda fuq dak li qisu zokk ta' siġra maqtugħ, jew forsi ġebla daqsxejn tonda, idoqq l-istrument b'idu x-xellugija, bl-istrument miżmum wieqaf fuq koxxtu, poża tipika ta' kif tindaqq il-Lira kemm fil-Kalabrija u anke fil-Balkani. L-għamla tal-istrument issa hi ferm eqreb lejn ta' dak muri fl-iskizz tal-artist anonimu li semmejna aktar 'il fuq; u jidher ċar li l-istrument huwa lira. Mill-bqija, ix-xbieha hi xi ftit nieqsa mid-dettal. Tidher korda waħda biss, u m'hemmx ħjiel ta' toqba (*soundhole*). Mill-banda l-oħra mal-Pala tista' tikkonoxxi bħal żewġ linji simetriċi li jagħtuk x'tifhem li huma żewġ krikkijiet (*tuning pegs*). Imma hemm żewġ dettalji li jaqblu mal-istrument impenġi mill-artist anonimu: l-għamla tal-Pala (*a rombo tronco*), u l-għamla tal-ark jew tal-qaws, li hawn ukoll qed jinżamm bl-istil Kalabriż. Ta' min isemmi wkoll li

**Skizz impenġi minn artist mhux magħruf, fis-seklu XIX**



[9] Dan hu skizz (12 cm x 5 cm) ta' bniedem raħli jdoqq strument bl-ark meħud minn album li x'aktarx kien ta' Alfonso Maria Galea, u li qiegħed fil-kollezzjni ta' riserva tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti, il-Belt - Ħajr lil Patrimonju Malta.

x-xwejjaħ jidher b'ħalqu miftuħ, qisu qed ikanta, u allura jfakkrek f'dik il-kelma qadima Maltija, li llum tinstab biss fid-dizzjunarju - IRATTAL – li tfisser idoqq u jkanta fl-istess ħin. Ejja nsemmu wkol il-fatt li f'din it-tieni edizzjoni, l-unika korrezzjoni li hemm fl-inċiżjoni hi l-figura tad-daqqaq innifsu, qisu l-artist ħass il-bżonn li jirranġa dak li kien penġa qabel, għax ma kienx preċiż biżżejjed. Qisu ħass il-bżonn li jagħmel korrezzjoni ta' dak li kien penġa qabel mill-memorja. Bla dubju għamel biċċa xogħol ta' ċertu siwi storiku, u li tkompli tikkonferma t-teżi tagħna.

Kien biss dan il-ftit tagħrif li stajna nużaw meta ppruvajna nmiddu jdejna biex nagħmlu rikostruzzjoni ta' dak l-istrument li kien jindaqq f'Malta. Ix-xogħol fdajnieh f'idejn Piero Forlani, *liutaio* Taljan b'esperjenza kbira fil-bini tal-lira Kalabriża u tal-lira Griega. Imma hawnhekk ħabbatna wiċċna ma' żewġ problemi li ridna bilfors insolvu: il-qies tal-istrument, u kif kien ikkurdat.

Fuq l-akkurdatura, billi xejn ma kellna tagħrif, iddeċidejna li nżommu dik l-aktar komuni fost dan it-tip ta' strument – jiġifieri 5-1-4. Il-lira tat-Traċja, dik Kalabriża, dik tad-Dalmazja, u anke l-lira l-qadima ta' Kreta, kollha għandhom din l-istess akkurdatura. F'dak li għandu x'jaqsam mal-qies tal-istrument, erġajna mxejna mal-prattika komuni. Il-biċċa l-kbira tal-istrumenti tat-tip tal-lira Biżantina li għadhom magħrufa sa żmienna huma kollha ta', bejn wieħed u ieħor, l-istess qies. L-aqwa eżempju x'aktarx li hu l-*kemence rumi*, li l-qisien tiegħu baqgħu l-istess għal sekli sħaħ – l-istrument qatt ma jkun itwal minn 43 sa 44 ċentimetru. Iddeċidejna wkoll li l-aqwa indikazzjoni u l-aħjar ħjiel li kellna dwar il-kobor tal-istrument kien l-iskizz tal-artist anonimu, fejn il-figura tar-raġel hi bejn tlieta u erba' darbiet itwal mit-tul tal-istrument li qed idoqq. Jekk wieħed jikkalkula li t-tul ta' raġel Mediterranju ta' dari kien ta' madwar metru u nofs, allura strument ta' madwar 44 ċentimetru tul għandu jkun kalkolu tajjeb. Wieħed irid jgħid ukoll li strument b'tul bħal dan jista' faċilment ikollu n-nota "la" (A) bħala t-tonalità ċentrali. Iż-żaqq Maltija hi wkoll intunata qrib l-istess tonalità mużikali. Dawn iż-żewġ strumenti eżistew it-tnejn flimkien fiż-żmien meta f'Malta kienet tindaqq il-lira, u bilfors li kellhom ripertorju jixxiebah – għax hekk hi s-sitwazzjoni kulfejn fid-dinja l-lira kienet teżisti flimkien ma' xi tip ta' ċirimella. Jekk l-istrumenti xi darba daqqew flimkien, kif jiġri fil-gżejjer Karpatos, f'Santorini, fil-Maċedonja u fit-Traċja, allura l-bżonn li jkollhom tonalita kompatibbli joħroġ iktar ċar.

**BIBLJOGRAFIJA**

**Nota qasira: Din il-Bibljografija (u diskografija) tista' tkompli tikber. Imma biex ma neħdux ħafna fit-tul qed inniżlu dawn is-sorsi essenzjali.**


Anoyanakis F., *Ellenika laika musica organa*, National Bank of Greece, Athens, 1979

Bachmann W., *The origins of bowing and development of bowed instruments up to the thirteenth century*, London New York Toronto, 1969

Baines A., *Bagpipes,* edited by T.K. Penniman, PittRivers Museum, University of Oxford, B.M. Blackwood, 1979, pag 46




**L-Inċiżjoni ta' Brocktorf li dehret fl-1838**


Castagna E., *La lira in Calabria*, ktejjeb mas-Cd, Coop. "R.L.S.", Catanzaro, 1993, ara wkol it-tieni edizzjoni aġġornata, Nota Records, San Daniele del Friuli, CD623, 2008

Castagna E., *La lira Bizantina: Uno strumento ad arco del Mediterraneo nord-orientale*, Atti e Memori della Società Dalmata di Storia Patria, n9, vol XXIX - N.S. XVIII, Roma, 2007)

Crane F., *A Bibliography on the iconography of music,* The research center for musical iconography. Graduate Center of the City University of New York, 1971

Crane F., *Extant medieval musical instruments*, University of Iova Press, Iova city, 1972

Leydi R., *Tre strumenti musicali della Calabria grecanica*, AAVV, Musica popolare greca e grecanica, Autunno musicale di Como, 1982

Leydi R., Musica popolare a Creta, Ricordi, Milano, 1983

Leydi R., La Zampogna in Europa, XIII Autunno Musicale, Cesare Nani Editore Como, 1979, pag. 176


**© Ettore Castagna**



**U dik li dehret fl-1858**